# KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI
HAL LIJA
TEL NO : 21416111 FAX : 21416941


## MINUTI
## Laqgħa urġenti tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## Laqgħa Nru. 53/2016

Data: 18 ta' Ottubru 2016

Hin: 5:00 ta' filgħaxija

Post: Bini tal-Kunsill Lokali

---

Preżenti: ***Magda Magri Naudi*** *– Sindku*
***Massimo Scerri*** *– Kunsillier*
***Dr. Marc Sant*** *– Kunsillier*
***Stephanie Cutajar*** - Viċi Sindku
***Lorrianne Farrugia*** *- Kunsillier*

***Georgette Borg*** *– Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Ħadd

Assenti: Ħadd

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazjoni mis-Sindku / VIP List
4. Council Premises
5. Tiżjin tal-Milied
6. Korrispondenza;
7. Affarijiet Oħra
8. Approvazjoni tal-Pagamenti u Skeda tal-Petty Cash
9. Aġġornament.

**Minuti -** ***53*/2016**

## 1. QARI U APPROVAZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.10p.m. b'introduzjoni mis-Sindku fejn stiednet lil kunsilliera biex jagħmlu l-korrezjonijiet tagħhom għall-minuti nr 52 bid-data ta' 15 ta' Settembru 2016.

1.2 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-sinjorina Lorraine Farrugia minuti nr 53 ġew approvati unanimament.

## 2. PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI

2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet fuq punti 2.9 sa 2.17 tal-minuti rigward il-proġett tal-Housing Estate. Hija tat update lil Kunsill ta' x'ġara wara l-aħħar laqgħa.

2.2 Kien hemm persuna li rreżenjat bħala block leader u nħatret persuna oħra. Is-sinjorina Farrugia tat il-handover lil block leader il-ġdida.

2.3 Wara ġew ippreparati d-dokumenti ta' x'maintenance li irid isir bil-firem ta' kulħadd inkluż tal-block leaders kollha, is-Sinjorina Farrugia aċċertat li hemm kollox kif suppost qabel ma jintbagħtu d-dokumenti b'e-mail u anke l-oriġinali bil-posta.

2.4 Hija kkonfermat li l-Housing ikkonfermaw li kienu rċevew kollox.

2.5 Wara din il-biċċa xogħol, il-housing ser jagħmlu l-kuntratt u jiġi ffirmat mill-kunsill. Waqt l-iffirmar tal-Kunsill, l-administrators iridu jkunu preżenti biex jiġu ċċarati xi affarijiet anke fuq pagamenti.

2.6 Il-Perit tal-Housing ser jiġi nvolut ukoll fuq dan il-proġett.

2.7 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet fuq 6.24 tal-Minuti, fuq il-librerija ta' l-iskola.

2.8 Hija tat briefing ta' kif kien ġara meta l-librerija ta' l-iskola għalqet biex isir maintenance fiha. Dan kien ħafna snin ilu.

2.9 Hija qalet li l-University Residence kienu għamlu pjaċir lil kunsill u żammew il-kotba tal-librerija ġo kamra. Hija ukoll qalet li dawn kienu ngarrew mill-ħaddiema tal-maintenance tal-Kunsill.

2.10 Is-Sinjorina Farrugia qalet li xi sena ilu kienet ikkuntatjat lis-Sur Steve Borg li qed jieħu ħsieb il-libreriji ta' Malta u qalilna li nistgħu nitkellmu mal-headmistress ta' l-iskola.

2.11 Is-Sinjorina Farrugia qalet li l-headmistress urietha fejn tista' tinbena

librerija ġo l-iskola li l-aċċess tagħha jkun minn Triq Mario Agius.

2.12 B'dan kollhu kien ġie nfurmat is-sur Steve Borg tal-libreriji.

2.13 Is-sinjorina Farrugia għal ħabta ta' Awwissu saret taf li kienu qed jingħataw xi fondi fuq il-libreriji, allura reġgħet għamlet kuntatt mas-sur Steve Borg.

2.14 Is-Sur Borg qalilha li l-librerija dejjem kienet tintuza minn Ħal Lija u Ħal Balzan. Huwa qal ukoll li qabel il-librerija kien jieħu ħsieba s-Sur Guido Borg mill-kunsill ta' Ħal Balzan imma s'issa hemm is-Sur Desmond Zammit Marmara li qed jieħu ħsieb.

2.15 Is-Sur Steve Borg nforma lis-sinjorina Farrugia li kien instab post alternattiv għal-uffiċċju tal-kunsill fil-pjazza ta' Ħal Balzan u l-kunsill bi ħsiebu jinvesti biex issir librerija ma' l-uffiċċju tal-Kunsill.

2.16 Huwa issugerixxa li ghandhu jigi kkuntjat is-Sur Marmara fuq dan.

2.17 Peress li l-kotba baqgħu ma nstabux, iridu jiġu kkuntatjati l-University Residence.

2.18 Il-Kunsill kompla jiddiskuti l-proposta li bħal ma qabel Ħal Lija u Ħal Balzan kelhom librerija waħda, issa għandu jiġri l-istess.

## 2(A). SOSPENSJONI TAL-LAQGĦA

- Il-ħin huwa 17.33hrs u l-laqgħa tal-kunsill ġiet sospenduta peress li ġie s-sur Robin Zammit minn Triq Daniel Sammut biex jagħti update fuq is-sitwazjoni ta' l-appell fuq il-binja għolja ta' Triq Daniel Sammut.
- Is-sur Zammit ta' briefing fuq is-sitwazjoni u fost affarijet oħra huwa qal li hemm plot ta' tomna fi Triq Daniel Sammut u faċċata tagħha hemm vilel u faċċata hemm terraced houses two stories. Ġie skopert li fl-2006 kienet ingħatat 3 + 1 stories u f'Novembru 2015 ingħata il-permess ta' 4 + 1. Minkejja oġġezjonijiet il-permess ħareġ f'Settembru 2015. Għalkemm inħarġu ħafna policies, dawn mhux qed jiġu osservati.
- Is-sur Zammit qal li l-pass li jmiss huwa li tinfetaħ kawża l-qorti u nappellaw. Iż-żmien ta' l-appell huwa għal xahar biss mill-aħħar ta' Settembru sa l-aħħar ta' Ottubru 2016. Ġie mqabbat il-perit Paul Gauci bħala konsulent.
- Huwa qed jistaqsi lil kunsill jekk jistgħax jgħin finanzjalment għax għalkemm €800.00 inġabru mir-residenti għal kawża għadt fadal madwar €400 x'jitħallas għal avukat u l-perit.
- Is-Segretarju tkelmet li kien ingħata permess ta' crowd funding, pero

is-sur Zammit qal li l-crowd funding jingħata iktar għal kawża imma din tista tkun option.

- Is-sur Zammit kompla jgħid li għandhom jiġu kkuntatjati r-residenti li għadhom ma ħalsux u ser jiġu avviċinati ħames familji.
- Is-Sindku staqsiet lil kunsill jekk nistgħux bħala kunsill immorru nitkellmu ma'dawn il-ħames familji flimkien mas-sur Robin Zammit.
- Is-sur Zammit irringrazja lil kunsill tas-support u ħareġ mil-kamra tal-kunsill fi 18.03 hrs. Il-laqgħa tkompliet.

2.19 Fuq din il-binja ta' Triq Daniel Sammut, il-Minority Leader Dr. Marc Sant li joqgħod f'din l-area,qal li peress li jista' jkollu konflitt ta' interess jippreferi jibqa' l-barra minnha.

2.20 Is-sinjorina Lorraine Farrugia kompliet titkellem fejn kienet ħalliet fuq il-librerija ta' l-iskola u staqsiet jekk għandix titkellem mas-sur Marmara ta' Ħal Balzan u tara jekk nistawx ningħaqdu magħhom.

2.21 Il-kunsill qabel li għalissa jaqbel li għandna nkunu *joined* ma' Ħal Balzan.

2.22 Is-sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet fuq 6.14 tal-minuti fejn kien hemm għalqa fi Triq Kardinal Ferretti li ma għandhix *boundary wall* allura jrid jiġi dentifikat sid ta'l-għalqa u ninfurmawh li bil-liġi jrid itella' boundary wall.

2.23 Is-segretarju nfurmat li kienet intbagħtet e-mail lil Pulizija u dawn qalulna biex nirrapurtaw lil Lands Department u l-Lands Department irrispondew li ma għandhomx informazjoni.

2.24 Is-sinjorina Lorraine Farrugia qalet li għandna nerġgħu nistaqsu lil Pulizija u l-minority leader issuġġerixxa li għandna nibgħatu l-informazjoni lilu biex imexxiha hu.

2.25 Il-minority leader, Dr. Marc Sant staqsa fejn kienet waslet id-default Notice li l-kunsill kien iddeċieda li joħrog fuq il-Waste Collection Ltd.

2.26 Is-segretarju nfurmat li wara l-aħħar laqgħa kienet bagħtet e-mail fi 22 ta' Settembru bir-request lil avukat imma dak iż-żmien kien skada l-kuntratt tiegħu, allura ma kinx hemm risposta minn għandu.

2.27 Wara li reġgħa ġie kkonfermat t-tender tal-avukat u għadda ż-żmien ta' l-objection, fl-10 t'Ottubru, is-segretarju reġgħet fakrithu fuq id-default notice.

2.28 Din għandha ssir malajr kemm jista' jkun għax inkella ser tiġi 'outdated'.

2.29 Is-sindku, s-sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-kawża tal-flooding li kienet saret nhar l-Erbgħa 12 t'Ottubru 2016 fejn telgħu

hija bħala sindku, s-segretarju u l-avukat tal-kunsill.

2.30 Is-Sindku nfurmat lil kunsill li hija telgħet tixhed fuq il-każ u ser ikun hemm hearing oħra fuq il-każ fi 16 ta' Novembru 2016 u ser jiġu ppreżentati kopja tat-tender tal-kuntrattur li kien għamel resurfacing ta' Triq Annibale Preca, certification tal-perit u d-date of completion.

2.31 Il-minority leader Dr. Marc Sant staqsa fuq il-kawża ta' l-ex segretarju tal-kunsill.

2.32 Is-segretarju nfurmat li l-kawża kienet il-ġurnata ta' qabel nhar it-Tnejn 17 t'Ottubru fejn hija kienet ġiet mitluba mill-ispettur biex tippreħenta dokumentazjoni li għaddiet bejn il-Kunsill u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq it-talbiet ta' *extensions* għal l-ex segretarju eżekuttiv.

2.33 Is-Sindku, s-sinjura Magda Magri Naudi tkelmet u tat is-suġġerimenti tagħha ta' kif nistgħu ndawru t-traffiku.

2.34 Is-Sindku nfurmat li hija tkelmet mas-sur Cohen tat-TM u qed tgħidlu bil-problema.

2.35 Is-sur Cohen qal li għandha tintbagħat ittra bid-deċiżjoni tal-kunsill biex tiġi diskussa magħhom anke mar-residenti.

2.36 Suġġeriment minnhom kien li Triq Annibale Preca toħroġ minnha biss, Triq il-Kunċizjoni tinżel minn fejn il-knisja l-isfel u jkun hemm is-sensor traffic lights. Dan jista jsir jekk jingħalaq Ħ'Attard.

2.37 Inqalgħet diskusjoni mill-kunsilliera kollha fuq dan is-suġġett. Is-Sindku talbet lil kunsilliera biex iresqu s-suġġerimenti tagħhom fuq *diversions* tat-traffiku biex dawn jiġu ppreżentati lis-sur Cohen u lis-sur Scerri meta ssir il-laqgħa.

2.38 Is-sinjorina Stephanie Cutajar qalet li hemm bżonn li jkun hemm warden fis-6.30a.m. fi Triq il-Kunċizjoni peress li għaddejjin ħafna karozzi 'one way'

2.39 Ġie deċis li jintalab appuntament mas-sur Cohen u s-sur Scerri tat-TM nhar l-Erbgħa 16 ta' Novembru 2016 fl-4.30p.m. biex jiġu diskussi l-proposti li għandhom jgħaddu l-Kunsilliera sa ġimgħa oħra.

2.40 Ġie deċis li għandu jintalab meeting ieħor mas-sur Cohen u s-sur Scerri biex tiġi diskussa l-pending list u affarijiet oħra li ma ġewx approvati mit-TM.

2.41 Is-segretarju nfurmat lil kunsill li wara li ġie deċis li jistgħu jsiru bollards fuq kull naħa tal-bidu ta' l-isqaq, intbagħtet request lis-sur Scerri u sur Cohen fejn staqsejna kemm irid li jiġu il-boghod mill xulxin dawn il-bollards. Meta jiġi deċis dan nirranġaw mal-kuntrattur biex dawn il-bollards jitwaħlu.

2.42 Fl-aħħar laqgħa li għaddiet ġie deċis li jsiru diagonal lines f'Ta Senna. Fis- 6 ta' Ottubru l-ħaddiema marru biex jagħmlu dawn il-linji u ħafna residenti ħarġu għalihom jilmentaw u anke ċemplu l-kunsill fejn qalu

li ma jridux dawn il-linji. Ma jridux dawn il-linji minħabba l-fatt li qed jgħidu li ma jistgħux jidħlu sew bihom fit-triq u ġol-garaxxijiet. Huma pretendew li jiġu konsultati qabel.

2.43 Il-minority leader Dr. Marc Sant qal li jekk tittieħed deċiżjoni waqt il-laqgħa tal-kunsill, għandha tittieħed azjoni jgħidu x'jgħidu r-residenti.

2.44 Is-sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li r-residenti ma kinux kollha nfurmati b'dan it-tibdil.

2.45 Dan ir-request għandu jgħaddi għand il-perit biex jiċċekja li l-karozzi jkunu jistgħu joħorġu mill-garaxxijiet u jkunu jistgħu jduru.

2.46 Barra minn hekk għandha tinkiteb ittra lir-residenti u nistaqsuhom x'inhu l-feedback tagħhom rigward dawn il-linji tal-parking diagonal u jekk ikunux jistgħu joħorġu mill-garaxxijiet u jekk jkunux jistgħu jduru liberalment. Għandna nistaqsu ukoll suġġerimenti ta' kif nistgħu nżidu l-parking spaces.

2.47 Il-minority leader Dr. Marc Sant qal li għandna ngħaddu nformazjoni lit-TM meta saru u tlestew Triq Giuseppe Cali u Triq Preziosi għax it-TM jistgħu japprovaw li jsir ix-xogħol ta' road markings u parkings bays mill-kunsill u wara jitħallas mit-TM.

2.48 Is-sinjorina Lorraine Farrugia qalet ukoll li l-perit għandu jiċċekja ukoll jekk l-art fi Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela mhux perikoluża jew le. Din qiegħda max-xogħolijiet pendenti għal perit

2.49 Is-segretarju nfurmat lil kunsill li wara li l-evaluating committee, li kienu uhud mill-kunsilliera, għamel l-għażla fuq it-tender LLC T04 / 2016 biex jintagħżel avukat nhar il-Ħamis 29 ta' Settembru ġie magħżul Dr. Kris Balzan.

2.50 Is-segretarju nfurmat li kienu tefgħu it-tender:
Cosyra Legal għal prezz ta' €1850.00
Legal Zammit Legal Offics għal prezz ta' €2350.00
Dr. Jonathan C. Spiteri għal prezz ta' €4350.00
Luris Malta Advocates għal prezz ta'€ 2100.00
Dr. Kris Balzan għal prezz ta' €2950.00
Peress li dan il-bidder ma tefax l-irħas offerta, is-sindku nfurmat li ntagħżel Dr. Balzan għal erba' raġunijiet:

a. Huwa tagħna servizz sodisfaċenti ħafna fi snin li għaddew;
b. Il-prezz tas-servizz baqa' l-istess bħal ta' qabel u ghaldaqstant il-kunsill mhux ha jidhol f'aktar spejjes
c. Għad hemm xogħolijiet pendenti; u
d. L-Adjudicators ma kelhomx informazjoni rigward min huma l-bidders l-oħra u għadna sal-lum ma nafu xejn fuqhom ghax s-sistema mhux qed tiprovdi din l-informazjoni.

2.50 Is-segretarju nfurmat li ma kien hemm l-ebda appell mingħand il-bidders l-oħra u l-evaluation report ingħalaq.

2.51 Is-Sindku qed tesiġi li meta jsir l-adjudication tat-tenders l-kunsill kollu għandu jkun preżenti biex tiġi kkonfermata l-adjudication.

2.52 Is-Segretarju nfurmat li anke fit-tenders li ġew magħżula f'Awwissu, it-tenders ingħalqu meta ġew aġġudikati mill-Evaluation Committee.
2.53 Il-minority leader Dr. Marc Sant kellu korrispondenza mid-DLG ta' kif tahdem is-sistema ta' l-EPPS tenders.
2.54 Is-Sindku is-Sinjura Magda Magri Naudi, issugerit lill-Dr. Marc Sant bhala President ta' l-AKL, li fil-laqgha tas-Sindki ghandhu jkun hemm xi hadd fejn jispjega iktar kif tahdem din is-sistema l-gdida.
2.55 Din hija sistema ġdida u l-kunsill kollu flimkien mas-Segretarju għandhom joqgħodu iktar attenti u jimxu skond il-proċedura eżatta ta' kif jintagħżel il-bidder u meta jiġi kkonfermat.
2.56 Is-Segretarju ressqet Direttiva 4 / 2016 – Direttivi mingħand id-Direttur dwar xandir soċjali (fuq social media). F'din id-direttiva hemm miktub li kunsilli lokali mhux bilfors għandhom jagħmlu użu minn social media. Iżda min jagħmel użu mis-social media jrid jkollu page tal-kunsill u mhuxgroup. Fil-każ tal-kunsill ta' Ħal Lija dan qiegħed group.
2.57 Għandu jinbeda l-proċess biex jingħalaq il-group u tinfetaħ page u l-Minority Leader ser jiċċekja eżatt x'jinvolvi l-proċess biextinfetaħ Facebook page uffiċjali.
2.58 Is-Segretarju nfurmat li rċevejna korrispondenza mill-Wasteserv fuq il-partiċipazjoni tal-European Week for Waste Reduction.
2.59 Bħal ma nagħmlu kull sena l-kunsill ikkonferma li ser jipparteċipa f'din l-attivita billi jiġbor ħwejjeġ tajbin mingħand ir-residenti fl-uffiċju tal-kunsill u dawn jiġu recycled.
2.60 Is-Segretarju nfurmat li din ser tkun bejn 19 u 27 ta' Novembru 2016.
2.61 Residenta li toqgħod Triq Ramiro Barbaro qed titlob biex faċċata ta' garaxx abjad no 10 issir mera żgħira dan għaliex qed issiba diffiċli biex toħroġ mill-garaxx.
2.62 Il-Kunsill approva li għandha ssir din il-mera imma titpoġġa fil-waiting list għalissa.
2.63 Residenta qed titlob biex titneħħa pot, waħda b'siġra kbira taż-żebbuġ minn quddiem ir-residenza tagħha, no 13 Triq il-Knisja Hal Lija. Dan għaliex is-siġra taż-żebbuġ hija kbira ħafna u qed toħloq ostaklu biex joħorġu mid-dar u biex ikunu jistgħu jġibu xi nies jagħmlulhom il-faċċata. Hi trid li titneħħa kompletament u ma terġax teħel.
2.64 Wara li l-kunsill iddiskuta din ir-request ġie deċis li titneħħa il-pot temporanjament imma wara terġa titpoġġa.
2.65 Ir-residenta trid tinforma lil kunsill meta ser isir ix-xogħol fid-dar tagħha u trid tinforma ukoll kemm ser idumu x-xogħlijiet.
2.66 Residenta li toqgħod 133 Blossom Court Flt 2, Triq Annibale Preca qed titlob biex terġa titwaħħal il-bozza bejn il-bini fejn toqgħod hi u ta' ħdejha. Dan għaliex meta kien qed issir il-bini ta' ħdejha din inqalgħet u ma twaħlitx. Il-bozza kienet bħal ma hemm ħdejn l-ispiżerija.
2.67 Is-Segretarju nfurmat li għalkemm inqalgħet mhux qiegħda fil-kunsill, għalhekk irid jiġi ċċekjat din il-bozza fejn spiċċat.

2.68 Is-Segretarju nfurmat lil kunsill li sar kuntatt ma min għamel l-ilment biex tgħaddilna xi *contact details* tal-persuna jew kuntrattur li qalagħha. Hija tatna l-isem ta' sid tal-binja minn fejn inqalgħet.

2.69 Residenta oħra qed tagħmel tlett requests lil kunsill fi Triq Annibale Preca (a) it-triq hija wisq dejqa għal two way u jrid isir xi ħaġa fuq hekk, (b) kien hemm lampa li tneħħiet biex jinbena bini u ma reġgħatx tweħlet u issa qed jkun hemm ħafna dlam (c) request għal mera faċċata tal-garaxx tagħha no 137 għax impossibli tara it-traffiku li jkun ġej bil-karozzi pparkjati mal-ġenb.

2.70 Fuq l-ewwel żewġ ilmenti dawn diġa ġew diskussi, u fuq it-tielet request il-kunsill qabel li din issir.

2.71 Tresqet fuq il-mejda tal-kunsill e-mail fuq request biex issir Carwash b'risq Puttinu Cares.

2.72 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tat spjegazjoni ta dan il-każ. Ġiet avviċinata minn persuna li għandha t-tifel tagħha jbati minn leukemia fi stat gravi ħafna. Hija tixtieq li jsir carwash b'risq puttinu cares.

2.73 Hija diġa għamlet l-arranġamenti ma' kunsill ieħor li aċċettaw li jorganiżżaw din il-carwash, imma xorta waħda hija tixtieq li torganiżża wieħed fir-raħal tagħha.

2.74 Il-Kunsill approva dan il-ġest nobli approva li ssir fil-pjazza.

2.75 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill applikazjoni mit-TM fuq reserved parking ta' residenta li toqgħod Triq Annibale Preca.

2.76 Wara li l-kunsill iddiskuta din ir-request biex ma jintilfux parking spaces ġie deċis li japprova din ir-request imma ssir fejn hemm parking ta' waħdu ma' l-istatwa ta' San Ġużepp, in-naħa ta' barra.

2.77 Transport Malta dejjem jiċċekjaw fuq jekk ir-residenti għandomx garaxx jew le.

2.78 Is-segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill request ta' NO SMOKING SIGNS ħdejn l-iskola fi Triq Robert Mifsud Bonnici. Anke l-wardens qalulna b'dan.

2.79 Il-kunsill qabel ma' din ir-request u li n-notices għandhom isiru mill-uffiċju u jitpoġġew fil-plastic folders.

2.80 Resident qed jagħmel request biex fi Triq Ġużeppi Portelli fejn hemm dak l-isqaq li jieħdok għal kitchen garden issir tabella li tgħid 'Slow give way to pedestrians'. Talab ukoll li barra din it-tabella ssir stop sign qabel ma tasal għal dan l-isqaq. Qed jitlob dan għax filgħodu hemm hekk il-karozzi ma jifqux ġejjien u ma jċedux lin-nies biex jgħaddu.

2.81 Il-Kunsill approva li għandha ssir slow sign fil-bidu tat-triq fejn kelna no entry sign

2.82 Il-Minority leader Dr. Marc Sant ressaq żewġ requests biex isir refreshing ta' stop sign u z-zebra crossing ta' Transfiguration Avenue.

2.83 Resident ressaq request biex fi Triq il-Kunċizjoni ssir ' DEAD SLOW' sign dan għaliex il-karozzi jgħaddu bi speed qawwi u jistgħu jkunu ta' periklu għan-nies.

2.84 Il-kunsill approva li din għandha ssir fil-bidu ta' Sqaq il-Kunċizjoni.

2.85 Il-Minority leader staqsa fuq il-cats eyes li kelhom jitwaħħlu fir-roundabout fi Triq San Licinju.
2.86 Is-segretarju nfurmat li kif diġa ġie deċis inqalgħu l-cats eyes mill-pjazza u ser jitwaħlu Triq San Liċinju u Triq Annibale Preca. Dawn għadhom ma twaħlux peress li qed nistennew lil kuntrattur itaqqab it-toqob peress li l-ħaddiema tal-kunsill ma għandhomx għodda biex jagħmlu dan.
2.87 Mr. Etienne Borg tal-Webee ġab ir-ritratti li ħa lil kunsill biex jiġu ppostjati fil-website tal-kunsill il-ġdida. Il-pass li jmiss huwa li l-kunsill jrid jagħżel liema ritratti se jtella fuq il-website.
2.88 Kif spiċċat il-laqgħa l-kunsilliera raw ir-ritratti u ddeċidew liema ser ipoġġu fuq il-website tal-kunsill.
2.89 Residenta qed tagħmel suġġeriment biex darba kultant Ħal Lija fil-pjazza jiġi l-blood mobile unit bħala att ta' karita.
2.90 Il-Kunsill qabel dwar dan.
2.91 Resident li joqgħod Triq Annibale Preca qed jissuġġerixxi li jsir xi ħaġa biex it-traffiku li jkun ġej minn irħula oħra ma jibqax jgħaddi minn Tal-Mirakli. Dan għax qiegħed joħloq problemi kbar meta r-residenti filgħodu jkunu jridu jmorru għax-xogħol. Huma qed jiġu mblukkati ġo darhom.
2.92 Il-Kunsill diġa ddiskuta din il-problema u ser tkompli tiġi diskussa meta ssir il-laqgħa mas-sur Cohen u s-sur Scerri tat-TM.
2.93 Resident talab li jsiru serraturi ġodda fit-tiolets ta' l-irġiel għax mhux jingħalqu sewwa li hemm.
2.94 Ma ttieħditx deċisjoni dwar din ir-request.
2.95 Resident jixtieq li ssir xi tabella biex fi Triq San Andrija fejn is-sorijiet ma jdoqqux ħornijiet. Qal li qed ikun hemm ħafna storbju ta' ħornijiet matul il-ġurnata meta jieqaf xi ħadd biex iniżżel xi ħaġa.
2.96 Din ir-request għandha tintbagħat għall-approvazjoni tat-TM.
2.97 Il-kumpanija tal-Percius Car hire fi Triq Giuseppe Cali' kien talab għal bollards quddiem il-garaxx tagħhom. Dawn ġew approvati u qegħdin mal-lista tal-pending works. Huwa reġgħa ġie l-kunsill u ssuġġerixxa li jagħti donazjoni basta jsiru.
2.98 Il-Kunsill approva li jsiru l-bollards u anke għaddew mit-TM u qed jagħti l-'go ahead' biex jekk irid jagħħmluhom huma.
2.99 Resident jixtieq ikisser il-bankina fi Triq Robert Mifsud Bonnici quddiem il-post tiegħu biex in-nies ma jibqawx jixxarbu meta tagħmel ix-xita u jinżel l-ilma mill-katusa ta' fuq il-bejt għal fuq il-bankina. Il-ħsieb tiegħu huwa li jgħaddi l-katusa minn taħt il-bankina għal ġo t-triq.
2.100 Il-Kunsill approva din ir-request imbasta jsir re-instatement tajjeb tal-bankina.
2.101 Is-segretarju nfurmat lil kunsill li bħal ma raw huma ż-żewġ U-Bars li kelhom jitwaħlu fi Triq Robert Mifsud Bonnici kantuniera ma Transfiguration Avenue issa twaħlu u r-reklami f'dawn il-U-Bars tħalsu ukoll peress li l-kunsill kien diġa kellu Bye-Law fuq l-għamara

tat-toroq.

2.102 Is-Segretarju nfurmat lil kunsill li għadt iridu jsiru żewġ U-Bars oħra fi Trasfiguration Avenue kantuniera ma' Triq Fernand Gregh u dawn ġew approvati ukoll mit-TM. Dawn ser isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## 3. COUNCIL PREMISES

3.1 Is-Sindku tkelmet fuq il-maisonette li qiegħed isfel fi Triq it-Trasfigurazjoni. Din il-propjeta hija sabiħa ħafna u l-kunsilliera ser imorru jarawh.

3.2 Is-Sindku, s-sinjura Magda Magri Naudi qalet li l-prezz irid jiġi negozjat anke għal fatt li bħal ma kienu talbu lis-social services biex joperaw mill-uffiċju tal-kunsill, din tagħmel differenza.

3.3 Is-Segretarju ppreżentat kopja ta' draft contract li kien wasal mill-University Residence.

3.4 Hija qalet li l-accountant kienet qaltilha li rridu noqgħodu attenti li għalkemm niffirmaw il-kuntratt ma nintrabtux li ma nkunux nistgħu noħorġu minnu.

3.5 Il-Kunsill qabel li aħjar jekk għandna noħorġu minn hemm nagħmluha malajr kemm jista jkun u b'hekk ma jkunx hemm bżonn li niffirmaw il-kuntratt.

3.6 Is-sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet fuq propjeta li qiegħda għal bejgħ imma mhux għal kiri. Hija taf b'xi propjeta oħra u ser tiċċekja fuqha.

3.7 Il-minority leader Dr. Marc Sant qal li għadt irid jaħdem biex tinħareġ l'Expression of Interest".

## 4. TIŻJIEN TAL-MILIED

4.1 Il-Kunsill tkellem fuq it-tiżjin tal-Milied peress li l-kumitat ta' l-armar qed jistaqsu jekk mhux ser inqabduhom biex jarmaw din is-sena.

4.2 Il-Kunsill iddeċieda li nitolbu l-*quotations* lil kumitat ta' l-armar u wara jiddeċiedu.

4.3 Il-Kunsill qabel li għandna nistaqsu lil tal-ħwienet biex jipparteċipaw f'armar ukoll.

4.4 Is-sindku, s-sinjura Magda Magri Naudi, issuġġeriet li għandna nfitxu fuq l-internet fuq il-fairy lights.

4.5 Is-sindku ,s-sinjura Magda Magri Naudi għandha tgħidilna kemm jiswew u jekk jinxtraw tiġi reimbursed.

4.6 Ġie deċis li t-Torri Belvedere jerġa jinxtegħel fi żmien il-Milied u anke għandha tinxtgħel l-awguri minn fuq l-uffiċju tal-kunsill.

4.7 Ġie deċis li l-attivita tal-Father Christmas terġa ssir għal żmien il-Milied. Il-Kunsill ser ikompli jiddiskuti dwar dan fil-laqgħa tal-

kunsill li jmiss.

## 5. KOMUNIKAZZJONI MINGĦAND IL-KUNSILLIERA

5.1 Is-Segretarju nfurmat li kienet waslet il-kwotazjoni fuq ix-xogħolijiet li għandhom isiru fil-ġnien.
5.2 Hija qalet li peress din taqbeż il-procurement limit iridu jinġiebu żewġ kwotazjonijiet oħra.
5.3 Is-sinjorina Lorraine Farrugia resqet ilment li l-bankijiet f'Tal-Mirakli għandhom bżonn li jitranġaw.
5.4 Is-segretarju qalet li dawk il-bankijiet ma sarux meta saru l-bankijiet l-oħra peress li ma maghrqin.
5.5 Is-sinjorina Lorraine Farrugia qalet li jekk huma f'dan l-istat imqar jingħataw 'teak oil' u ma noborxuhomx.
5.6 Is-sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hemm bżonn urġenti ħafna ta bus shelter fi Triq Kardinal Ferretti.
5.7 Il-kunsill iddeċieda li din ir-request għandha tintbagħat lis-sur Michael Cohen peress li hija diffiċli li l-kunsill jasal biex din issir.
5.8 Is-sinjorina Lorraine Farrugia qed tinsisti ukoll li għandhom jitneħħew il-bankijiet li qiegħdin b'injama waħda jew tnejn għax barra li huma eyesore huma ukoll ta' periklu.
5.9 Is-sinjorina Farrugia qalet li jekk ma ndumux ma ngiebu l-injam nistennew jekk le dawn il-bankijiet imkisrin iridu jitneħħew.
5.10 Is-segretarju nfurmat li qiegħdin fil-proċess li jinġiebu iktar kwotazjonijiet ma' dik li diġa hemm u l-injam għandhom jinġabu bil-van mil-ħaddiema tal-kunsill.
5.11 Jekk ikun hemm xi bankijiet żejda nistgħu nwaħluhom.
5.12 Il-minority leader Dr. Marc Sant qal li hemm xi tiles neqsin minn nofs mill-5 a side pitch.
5.13 Għandna nistaqsu lil ħaddiem tal-kunsill fuq dan u anke s-sindku għandha tistaqsi lil dik il-persuna li kienet tatna t-tiles biex naraw x'nistgħu nagħmlu.
5.14 Il-minority leader, Dr. Marc Sant staqsa rigward fejn waslu l-bye-laws.
5.15 Is-segretarju nfurmat li dak inhar stess kienet inbtagħtet reminder lil avukat tad-DLG fuqhom.
5.16 Il-minority leader, Dr. Marc Sant staqsa jekk għamilniex kuntatt mas-sid ta' Villa Gourgion minħabba l-complaint li kien hemm qabel.
5.17 Is-segretarju nfurmat li hija marret on site kemm il-darba u qatt ma rat jew sabet trab. Li sabet huma l-bankijiet maħmuġin bit-titjir taż-żebgħa.
5.18 Is-segretarju għandha tkompli tfittex fuq dan.
5.19 Il-minority leader Dr. Marc Sant staqsa fuq kif kienet baqgħet dik il-persuna li kienet talbat il-5 a side pitch għal fitness classes.
5.20 Is-segretarju nfurmat li wara li kienet intbagħtet l-informazjoni ta' x'tip ta' fitness kien ser isir il-kunsilliera ma wieġbux u lanqas min kien qed jagħmel ir-request.

5.21 Is-segretarju nfurmat li iktar xtaqu indoors venue milli outside.

5.22 Is-sinjorina Stephanie Cutajar qalet li kien ċemplilha resident minn Sqaq nr 1 Triq il-Kunċizjoni fejn qalilha li ħadd ma kien qed jagħmel il-mobile nr fuq il-windscreen, pero s-sinjorina Cutajar ikkonfermat li hemm tnejn żgur li qed iħallu n-numru.

5.23 Is-sinjorina Cutajar qed tisuġġerixxi li peress mhux kulħadd qiegħed jikkopera f'dan ir-rigward għandu jkun hemm ċertu ħin li ma jsirx parking.

5.24 Is-sindku, issuġġerit li għandna nwaħlu notices mal-ħajt li 'min jipparkja hawn irid iħalli l-mobile no'.

5.25 Is-sinjorina Stephanie Cutajar qed tgħid li hemm bżonn ikun hemm warden kmieni filgħodu fejn toqgħod hi peress li qed jinżlu minn Triq il-Kunċizjoni 'one way'. Dan għandu jiġi bejn 6.45a.m sa 8.45a.m.

5.26 Is-sinjorina Stephanie Cutajar resqet ilment li minħabba li xi tfal ta' l-iskola qed jinġabru eżatt minn wara l-bieb, dawn qed iżommu ħafna t-traffiku.

5.27 Għandu jiġi kkuntatjat il-kumpanija Co-Op tal-mini buses u nissuġġerulu li għandu jkollu xi tlett jew erba' pickup points meta ma tkunx xita.

## 6. APROVAZJONI TAL-LISTA TAL-PAGAMENTI U PETTY CASH

6.1 Is-segretarju resqet fuq il-mejda tal-kunsill l-iskeda tal-pagamenti u tal-petty cash.

6.2 Il-minority leader, Dr. Marc Sant u s-sinjorina Lorraine Farrugia ma aprovawx il-pagamenti tal-Waste Collecton Ltd.

## 7. TMIEM

7.1 Ġie deċis li l-laqgħa tal-kunsill li jmiss tkun nhar it-Tlieta 22 ta' Novembru 2016 fil-5.00p.m. u l-laqgħa ta' Diċembru ssir nhar it-Tlieta 20 ta' Diċembru 2016.

7.2 Is-seduta ntemmet f'20.10 hrs b'mod unanimnu.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ***Magda Magri Naudi*** | ***Georgette Borg*** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: ***[data]***